

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010

Camp Ashraf

P7_TA(2010)0452

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar Camp Ashraf

(2012/C 99 E/25)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar id-drittijiet tal-bniedem fl-Iran,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' April 2009 dwar Camp Ashraf ⁽¹⁾ fejn jgħixu 3 400 dissident Iranjan, inklużi 1 000 mara, li lkoll huma "Persuni Protetti" skont ir-4 Konvenzjoni ta' Ġinevra,
 - wara li kkunsidra t-tneħħija tal-PMOI tal-oppożizzjoni mil-lista s-sewda tal-UE fl-2009,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi ħafna qraba tar-residenti ta' Ashraf ġew ikkundannati għall-mewt mir-reġim Iranjan wara li żaru lill-familji tagħhom f'Ashraf,
- B. billi l-Gvern Iraqi naqas milli jirrispetta r-risoluzzjoni tal-PE u qed ikompli b'assedju bla ħniena tal-kamp;
- C. billi r-residenti għadhom qed iġarbu pressjonijiet esterni bil-pretest li l-PMOI għadha fuq il-lista s-sewda tal-Istati Uniti;
- D. billi f'Lulju 2010 l-Qorti tal-Appell tal-Istati Uniti f'Washington ħarġet sentenza favur il-PMOI u ħeġġet lid-Dipartiment tal-Istat biex jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu li dawn jinżammu fuq il-lista s-sewda tat-terroristi tal-Istati Uniti;
- E. billi l-forzi tal-Istati Uniti u tan-Nazzjonijiet Uniti rtiraw minn Ashraf u r-residenti issa jinsabu vulnerabbli għall-attakki,
1. Jitlob lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika għas-Sigurtà biex tħeġġeġ lill-Istati Uniti biex jimxu fuq l-eżempju tal-UE u jneħħu l-PMOI mil-lista s-sewda u biex tħeġġeġ lin-NU biex jipprovdu protezzjoni urġenti f'Ashraf;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji ⁽²⁾, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

⁽¹⁾ ĠU C 184 E, 8.7.2010, p. 62.

⁽²⁾ Il-lista tal-firmatarji hija ppublikata fl-Anness 2 tal-Minuti tal-25 ta' Novembru 2010 (P7_PV(2010)11-25(ANN2)).